C/2026/1707

24.4.2026

P10_TA(2025)0292

Qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2025 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427, li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D109634/01 – 2025/2897(RSP))

(C/2026/1707)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427, li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D109634/01),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 23(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tal-15 ta' Settembru 2025, fejn ma ngħatat ebda opinjoni, u l-votazzjoni tal-Kumitat ta' Appell tal-21 ta' Ottubru 2025, fejn ukoll ma ngħatat ebda opinjoni,,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fis-27 ta' Marzu 2025, u ppubblikata fit-13 ta' Mejju 2025 ([3]),

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1829/oj.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj.
([3]) L-opinjoni xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati bit-titolu "Assessment of genetically modified maize 87427 (application GMFF-2023-21254)" (Valutazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat 87427 (applikazzjoni GMFF-2023-21254). EFSA Journal 2025;23(5):9380; https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9380.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ("OĠM") ([4]),

([4]) Fit-tmien leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta 36 riżoluzzjoni u, fid-disa' leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta 38 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni tal-OĠM. Barra minn hekk, fl-għaxar leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta r-riżoluzzjonijiet li ġejjin:

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2628 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1797, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1797/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2627 dwar l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qoton ġenetikament modifikat COT102, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1798, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1798/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2629 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u tmien subkombinazzjonijiet tiegħu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1799, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1799/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1828 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' għalf li fih il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 u li jikkonsisti minnu, u ta' prodotti tal-ikel u tal-għalf prodotti minn dak il-qamħirrum ġenetikament modifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1207 (ĠU C, C/2025/1800, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1800/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1822 li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat DP915635, li jikkonsistu minnu, jew li huma prodotti minnu skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1801, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1801/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1826 li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DP23211, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1802, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1802/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2618 dwar l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DP202216 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1803, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1803/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2024 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 94804 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/1804, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1804/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2025 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat DP910521 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/2246, 29.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2246/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2025 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 95275, li jikkonsistu minnu, jew li huma prodotti minnu skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C, C/2025/2247, 29.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2247/oj).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87705 × MON 87708 × MON 89788, li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (P10_TA(2025)0106).

— Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2025 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1898 tat-22 ta' Settembru 2025 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat DP51291 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (P10_TA(2025)0222).

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. billi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2281 tal-4 ta' Diċembru 2015 ([5]) awtorizzat l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 (il-"qamħirrum ĠM"), li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu;

B. billi fid-19 ta' Marzu 2024, Bayer Agriculture B.V., ibbażata fil-Belġju, ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni f'isem Bayer CropScience LP, ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka, f'konformità mal-Artikoli 11 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tiġdid ta' dik l-awtorizzazzjoni;

C. billi l-ambitu tal-applikazzjoni għat-tiġdid ikopri ikel u għalf li fihom il-qamħirrum ĠM, li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu għal użi oħrajn għajr l-ikel u l-għalf, għajr għall-kultivazzjoni; billi l-ambitu ta' dik l-awtorizzazzjoni jkopri wkoll l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti, għajr l-ikel u l-għalf, li fihom il-qamħirrum ĠM jew li jikkonsistu minnu għall-istess użi bħal kwalunkwe qamħirrum ieħor, għajr għall-kultivazzjoni;

D. billi l-EFSA ħarġet opinjoni favorevoli fis-27 ta' Marzu 2025, li kkonkludiet li l-applikazzjoni għat-tiġdid ma kienx fiha evidenza ta' perikli ġodda, esponiment modifikat jew inċertezzi xjentifiċi li jistgħu jibdlu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju oriġinali tagħha maħruġa fl-2015;

E. billi l-valutazzjoni tal-EFSA ma indirizzatx biżżejjed l-effetti kumulattivi u kombinatorji, l-istudji tossikoloġiċi fit-tul jew il-konsegwenzi ekoloġiċi indiretti taż-żieda fl-użu tal-glifosat;

F. billi l-qamħirrum ĠM huwa tolleranti għall-glifosat; billi l-glifosat ġie assoċjat ma' riskji għall-bijodiversità, għas-saħħa tal-ħamrija u tal-ilma, kif ukoll ma' impatti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem;

G. billi l-kultivazzjoni fuq skala kbira ta' għelejjel ĠM tolleranti għall-glifosat fil-pajjiżi esportaturi wasslet għal użu ogħla ta' erbiċidi, it-tfaċċar ta' ħaxix ħażin reżistenti, u konsegwenzi negattivi għas-sistemi tal-biedja, l-ekosistemi u l-komunitajiet rurali;

H. billi l-pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali previst fl-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jibbaża fil-biċċa l-kbira fuq sorveljanza ġenerali mingħajr ma jipprevedi studji mmirati u indipendenti fit-tul dwar il-pollinaturi, l-organiżmi tal-ħamrija, il-ħajja akkwatika u l-ispeċijiet mhux fil-mira;

I. billi l-prinċipju ta' prekawzjoni, minqux fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu japplika f'każijiet ta' inċertezza xjentifika u evidenza ta' ħsara potenzjali;

J. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jirrikjedi li l-ikel u l-għalf ĠM ma jridx ikollhom effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent;

K. billi l-approċċ "Saħħa Waħda" jirrikjedi li titqies l-interdipendenza bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti u dik ambjentali meta jiġu vvalutati s-sostenibbiltà u s-sikurezza fit-tul tal-OĠM;

L. billi l-Parlament oġġezzjona b'mod konsistenti għall-awtorizzazzjonijiet u t-tiġdid tal-OĠM f'każijiet li fihom ma tintlaħaq l-ebda maġġoranza kwalifikata fost l-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf jew fil-Kumitat ta' Appell, filwaqt li ssottolinja d-defiċit demokratiku persistenti fil-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

([5]) ĠU L 322, 8.12.2015, p. 67, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2015/2281/oj.

1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni billi mhuwiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li huwa li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), jipprovdi l-bażi biex, fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern u f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;

4. Jistieden lill-Kummissjoni ma ġġeddidx l-awtorizzazzjoni tal-qamħirrum ĠM minħabba r-riskji assoċjati mal-użu tal-glifosat, il-ħaxix ħażin reżistenti, it-telf tal-bijodiversità u evidenza insuffiċjenti fit-tul, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda";

5. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mingħajr dewmien, proposta leġiżlattiva biex tirriforma l-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-OĠM sabiex tirrispondi għall-oġġezzjonijiet konsistenti tal-Parlament u n-nuqqas ta' appoġġ b'maġġoranza kwalifikata fost l-Istati Membri;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-obbligi tal-Unjoni skont ftehimiet internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

([6]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).